31988R4045

L 356/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 24.12.1988

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEFA, KEE, EURATOM) Nru 4045/88
tad-19 ta' Diċembru 1988
li jniżżel is-salarji tal-President, Membri u Reġistraturi tal-Qorti ta' Prim Istanza tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/591/KEFA, KEE, Euratom ta' l-24 ta' Ottubru 1988 li tistabbilixxi Qorti ta' Prim Istanza tal-Komunitajiet Ewropej [1], u partikolarment l-Artikolu 2(5) tagħha,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi, skond id-Deċiżjoni msemmija fuq, il-Kunsill żied mal-Qorti tal-Ġustizzja Qorti ta' Prima Istanza inkarigata li teserċita funzjonijiet ġudizzjarji importanti;

Billi huwa neċessarju li jistabbilixxi s-salarji, pensjonijiet u kull ħlas li għandu jsir minflok rimunerazzjoni tal-President, membri u r-Reġistratur tal-Qorti ta' Prim' Istanza;

Billi huwa neċessarju għalhekk li jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi s-salarji tal-President u membri tal-Kummissjoni u tal-President, Mħallfin, Avukati Ġenerali u Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja [2], bħalma ġie emendat l-aħħar bir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3875/87 [3],

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu Waħdani

fir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. Il-kliem li ġejjin għandhom jiżdiedu mat-Titolu:

"u tal-President, Membri u Reġistratur tal-Qorti ta' Prim' Istanza."

2. Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"L-Artikolu 21a

1. Soġġett għal paragrafu 2 u 3, id- dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċerna l-President, Membri u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jgħoddu għall-president, Membri u Registratur tal-Qorti ta' Prim' Istanza.

2. Is-salarju bażiku ta' kull xahar tal-President, Membri u Reġistraturi tal-Qorti ta' Prim' Istanza għandu jkun daqs l-ammont li jirriżulta minn applikazzjoni ta' dawn il-persentaġġi li ġejjin mas-salarju bażiku ta' ufficjal tal-Komunitajiet Ewropej fl-aħħar stadju ta' grad A 1:

President:	112,5	%,
Membri:	104	%,
Reġistratur:	95	%.

3. Is-somma ta' flus mogħtija għat-trattament ta' mistednin msejħa fl-Artikolu 4(3) għandu jammonta għal:

President:	Bfrs 21 015,
Membri:	Bfrs 19 170,
Reġistratur:	Bfrs 16 299.

L-Imħallfin li jippresiedu l-Kamra tal-Qorti għandhom jirċievu barra dan, matul iz-żmien ta' kariga tagħhom, pagament speċjali ta' Bfrs 25 573 kull xahar."

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1988.

Għall-Kunsill

Il-President

Th. PANGALOS

---

[1] ĠU L 319, tal-25.11.1988, pġ. 1.
[2] ĠU 187, tat-8.8.1967, pġ. 1.
[3] ĠU 363, tat-23.12.1987, pġ. 66.